MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Numru. 1300/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**VS**

**SAMUEL GHILLER**
**LUKE GHILLER**
**TYRON MIFSUD**
**GEORGE LUCCHESE**
**JOACHINA SIVE JACQUELINE LUCCHESE**
**CLAYTON LUCCHESE**
**JONATHAN COLEIRO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Samuel Ghiller, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 32352 M, l-imsemmi

Luke Ghiller, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 488389 M, l-imsemmi Tyron Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 46486 M, l-imsemmi George Lucchese, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 549863 M, l-imsemmija Joachina sive Jacqueline Lucchese, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 387566 M, l-imsemmi Clayton Lucchese, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 152188 M u l-imsemmi Jonathan Coleiro, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 25087 M .

**Akkuzati talli:**

Fil-Kalkara fil-lejl ta` bejn it-30 u l-31 ta` Dicembru 2006 minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta` joseph Spiteri mill-Kalkara f'periklu car, ikkagunawlu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu u cioe` feriti ta` natura gravi skont ma ccertifika Dr. Manuel Fenech, MD (reg. No. 5035) ta` l-isptar San Luqa.

**Lil Tyron Mifsud wahdu:**

Akkuzat talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, leima sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet umilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmi Joseph Spiteri jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat turbot lill-imsemmija persuni b'obbligazzjonijiet taghhom infushom taht penali ta` somma ta` flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Il-Qorti semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotti;

Rat u ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Il-Qorti wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-prosekuzzjoni, ai termini tal-Artikoli 214, 216 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, talli minghjar hsieb li joqtlu jew titqieghed il-hajja ta` Joseph Spiteri mill-Kalkara f'perikolu car kkagunawlu hsara fil-gisem jew f'sahhtu u xi feriti ta` natura gravi skont ma ccertifika Dr. Emanuel Fenech tal-Isptar San Luqa u fil-konfront tal-imputat Tyron Mifsud wahdu talli rrenda tuhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta` dawn l-imputati kollha hlief Luke Ghiller billi tiddikjara li in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputati ghall-imputazzjonijiet lilhom adotti mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputati hatja kif akkuzati. Il-Qorti tirrimarka li fil-konfront ta` Tyron Mifsud din il-Qorti ma ssibx il-prova tar-ricediva u kwindi minn din l-akkuza hija tilliberah. Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li rat id-dokumenti esebiti, wara li rat ir-rinunzja ghall-azzjoni kriminali mill-partijiet versus l-kontroparti, tiddeciedi li piena karcerarja esekuttiva m'hijiex il-kaz. Hija rat il-fedina penali tal-imputati li nonostante uhud minnhom m'humiex nodfa, m'humiex ta` serjeta` allarmanti, ghal dawn il-motivi qedgha tilliberhom bil-kundizzjoni. Fil-konfront ta` Tyron Mifsud, il-Qorti qedgha wkoll tilliberah mill-akkuzi kollha mhux mhux biss dik tar-ricediva stante li jirrizulta li l-istess Tyron Mifsud ma kienx prezenti waqt il-glieda. Fil-konfront tal-ohrajn u ghalhekk biex inkunu cari, Jonathan Coleiro, Samuel Ghiller, Clayton Lucchese, George Lucchese u Joachina Lucchese, din il-Qorti qed tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor ghal zmien sena (1) ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta. Fil-konfront ta` Tyron Mifsud il-Qorti diga esprimiet ruhha, fil-konfront tal-imputat Luke Ghiller billi jirrizulta li l-partecipazzjoni tieghu kienet limitata sabiex iferraq lil

Joseph Spiteri minn ma` l-ohrajn u ma jirrizultax illi ha parti attiva f'tali glieda, din il-Qorti qedgha tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------